MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Numru. 54/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**LUCY SALIBA mart Paul bint Francis Saliba u Antonia nee' Farrugia, imwielda fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 1964 u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 41764(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **LUCY SALIBA** mart Paul bint Francis Saliba u Antonia nee' Farrugia, imwielda fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 1964 u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 41764(G), giet mressqa quddiemha, akkuzata talli nhar it-tlieta w ghoxrin [23] ta' Ottubru, 2005

ghal habta tat-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex;

1. Insulentat u/jew hedded lil Maria Cini miz-Zebbug, Ghawdex;

2. Talli saret recidiva b'sentenzi moghtija fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. datati l-ewwel ta' Settembru 2005 w is-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2005, liema sentenzi saru definiti u ma jistghux jigu mhassra;

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil WPS 160 Josephine Camilleri, lil Maria Cini, lil Joseph Agius u lil Ursola Agius.

Semghet wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-okkorrenza esibita w is-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet premessi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ppruvati fl-intier taghhom.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-fedina penali tal-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata diga nstabet hatja ta' kontravenzjonijiet fil-konfront tal-istess kwerelata f'okkazzjonijiet precedenti u dan f'diversi okkazzjonijiet fejn giet moghtija piena ta' amendi jew multi pero m'gharfitx tisfrutta ruhha minn dawn l-opportunitajiet moghtija lilha ghaliex regghet qeghda quddiem il-Qorti.

Ghalhekk, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 339(e) u 53 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputata LUCY SALIBA hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghal gimghatejn detenzjoni mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------